MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1482/1993/1

**John Galdes bhala rapprezentant tas-socjeta` Galdes & Mamo Limited agenti f'Malta tas-socjeta` assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Meridian Enterprises Company Limited; u b'digriet tal-Qorti ta' l-14 ta' Lulju 2000 is-socjeta` Gasan Mamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti minflok is-socjeta` Galdes & Mamo Limited.**

**Vs**

**Godwin Abela bhala rapprezentant tas-socjeta` The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` Meridan Enterprises Company Limited impurtat erbgha u disghin (94) karozza tal-marka Hyundai li waslu Malta fil-5 ta' Novembru 1992 fuq il-vapur Australia Highway f'hames partiti kif jirrizulta mill-hames poloz ta' karigu Dok. A1 - A5;

Premess illi l-karozzi gew skarikati f'idejn il-kuntrattur tal-Port, is-socjeta` konvenuta, u minghandhom gew konsenjati lis-socjeta` impurtatrici meta rrizulta li tlettax (13) il karozza kellha l-*hubcaps* nieqsin kif jirrizulta mill-ittra ta' l-impurtatur (Dok. B) u kif korroborat mill-*gate pass out* tas-socjeta` konvenuta stess (Dok. C);

Premess illi ghal dan in-nuqqas is-socjeta` attrici kif obbligata hallset is-somma ta' erba' mija erbgha u sebghin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm474.18) u ghalhekk giet surrogata fid-drittijiet ta' l-importatur (Dok. D);

Premess illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghal dan in-nuqqas;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghan-nuqqas fuq indikat;

2. Tikkundanna l-konvenut *nomine* jhallas is-somma ta' erba' mija erbgha u sebghin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm474.18) in linea ta' danni sofferti mill-importatur u li d-drittijiet ghalihom gew surrogati lill-attur *nomine* u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela *nomine* illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta` The Cargo Handling Company Limited ikkonsenjat il-merkanzija *de quo* u qdiet il-funzjonijiet kollha bid-diligenza rikjesta minnhom mil-ligi;

2. Illi *di piu`* fil-meritu, l-impurtatur innifsu ffirma l-*Gate Pass Out* tramite r-rapprezentant tieghu fejn huwa ddikjara li rcieva l-merkanzija "*in good order and condition*" bla ma ghamel jew insista ghall-ebda rimarka dwar l-istess ai termini tas-sentenza deciza fit-19 ta' Awissu, 1992, fl-ismijiet Reginald Micallef vs James Gollcher u Karl Gollcher u Godwin Abela u John Cavallo (Citaz. Nru. 1103/86 - Qorti ta' l-Appell - Sede Kummercjali);

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi esebit l-allegat kuntratt jew ftehim ta' agenzija li s-socjeta` attrici qed tallega li ghandha mas-socjeta` assiguratrici estera;

4. Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju ghall-premess ghandu jigi esebit il-mod u/jew ic-cheque li bih sar il-pagament ta' Lm474.18,0 lill-Meridian Enterprises Company Limited u l-polza ta' l-assigurazzjoni relattiva;

5. Illi fl-ahharnett u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi ma jiddekorrux mid-data tal-pagament u dana skond sentenza datata 6 ta' April 1992, fil-Qorti ta' l-Appell - Sede Kummercjali - Citaz. Nru. 112/86 - fl-ismijiet Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Chev. Silvio Mifsud u Godwin Abela u John Cavallo u aktar u aktar meta l-konvenuti *nomine* qatt qabel din il-kawza ma gew notifikati bl-ammont u bid-dettalji ta' l-allegat nuqqas;

6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela nomine li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, il-konvenut Godwin Abela nomine mhux responsabbli ghall-allegati danni/nuqqas u dan ai termini ta’ l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966 (Amended by Legal Notice 28/73) peress li tali merkanzija hija meqjusa bhala “units” u tinghata biss ricevuta bhala tali “units”;

2. Illi ai termini ta’ l-Artikolu 6(3)(a)(v) tal-Port Ordinance 1962, la darba tali merkanzija kienet meqjusa bhala “units” dan l-Artikolu jezemi ovvjament lis-socjeta` konvenuta minn kull responsabilita`;

3. Illi wkoll a bazi ta’ l-Artikolu 90 u Schedule 13 tal-Port Regulations, 1966, l-importatur jaf li tali merkanzija tinhazen “*in the open and always at the sole risk of the owner*” u ghalhekk anke f’dan il-kaz is-socjeta` konvenuta mhux responsabbli;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-digriet tal-10 ta’ Marzu 1994 li permezz tieghu gie nominat Dr. Mark Chetcuti biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess perit legali li tinsab a fol. 69 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-21 ta’ Novembru 1997;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Bhal hafna kawzi ohra tax-xorta taghha, tant familjari ghall-Qrati taghna, din il-Qorti trid, fuq il-provi akkwiziti, tistabilixxi jekk tabilhaqq, kif allegat mis-socjeta` assikuratrici attrici, in-nuqqasijiet lamentati gewx riskontrati meta l-vetturi gew rilaxxjati lill-importatur mill-konvenut *nomine*;

L-allegazzjoni bazika tas-socjeta` attrici hi dik li fi tlettax (13) il-karozza mill-erbgha u disghin (94) trasportati permezz ta' poloz tal-kariku esebiti minn fol. 5 sa fol. 9 instabu numru ta' *hubcaps* neqsin; tnejn u hamsin (52) b'kollox.  Ara ittra a fol. 10 tal-process;

Ghad-determinazzjoni tal-htija ghal dan in-nuqqas l-kontendenti jistriehu principalment fuq id-dokumenti portwali minnhom esebiti; senjatament it-*Tally Sheets* u l-*Gate Pass Out*;

Bhala stat ta' fatt jirrizulta illi "*tallying*" tal-vetturi fil-mument li dawn gew skarikati minn fuq il-vapur kien wiehed *joint* bejn it-*tally clerk* inkarigat mill-agent tal-vapur u t-*tally clerk* imqabbad mis-socjeta` konvenuta;

Kif manifest mit-*Tally Sheets* (Dok. MC1, MC2 u GA1) l-ezercizzju ta' verifika u kontroll stabilixxa illi fil-kors ta' l-operazzjoni tal-*joint tallying* ma kien hemm xejn x'jigi rimarkat dwar il-vetturi skarikati.  Ara xhieda ta' David Borg u Vincent Sacco;

Ghalkemm dawn id-dokumenti, kif hekk pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna, ma jammontawx ghal

prova irribattibbli, anke ghaliex dawn jikkostitwixxu biss prova probatorja *juris tantum*, eppure jikkrejaw prova qawwija u affidabbli;

F'wahda mill-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta tistrieh fuq id-difiza illi fil-mument meta l-vetturi gew konsenjati minnha lill-importatur assigurat kontra r-rilaxx tal-*Gate Pass Out* dawn ma kien fihom l-ebda nuqqasijiet. Din l-eccezzjoni hi bazata fuq l-assunt illi meta l-importatur iffirma l-*Gate Pass Out* huwa iddikjara li kien qed jircievi l-karozzi "*in good order and condition*";

Semplici raffront bejn din l-eccezzjoni u l-kopja tal-*Gate Pass Out* a fol. 11 turi *a prima vista* illi din l-eccezzjoni mhux biss ma ghandha l-ebda fondament izda l-affermazzjoni fiha hi addirittura zmentita minn Mario Azzopardi, *delivery clerk* ta’ l-istess kumpanija konvenuta li kkonferma dan id-dokument, redatt u ffirmat minnu. Minnu jirrizulta illi effettivament fil-mument tal-konsenja lir-rapprezentant ta' l-importatur tlettax-il vettura nstabilhom il-*hubcups* neqsin;

Wiehed jiehu l-impressjoni li certi ecccezzjonijiet isiru skond formularju sterjotipat addottat b'mod konswet ghal kazijiet ta' din ix-xorta;

L-ezami ta' dawn id-dokumenti portwali - *Tally Sheets* u *Gate Pass Out* - iwassal ghal dawn l-osservazzjonijiet:-

I. Fin-nuqqas ta' kummenti negattivi fuq it-*Tally Sheets* il-presunzjoni li tinsorgi hi dik li l-vetturi gew ricevuti mis-socjeta` konvenuta f'kondizzjoni tajba. Dan logikament kien jobbliga lill-istess socjeta` konvenuta li tikkustodixxi sew l-istess vetturi u tikkonsenjahom fl-istess kondizzjoni tajba u ezenti minn nuqqasijiet kif bl-istess mod kienet ircevithom;

II. Dan ma jidherx li gara f'dan il-kaz billi l-*Gate Pass Out* mhux talli ma kienx wiehed *clean* talli kien jikkostitwixxi prova tal-kontenut tieghu kontra l-istess socjeta` konvenuta, u allura kien jinkombi fuqha li tipprova

li n-nuqqasijiet ma sehhewx waqt li l-vetturi kienu taht il-kontroll u kustodja taghha;

Is-socjeta` konvenuta baqghet ma giebitx prova bhal din ghas-sodisfazzjoni tal-perit legali, u issa ta' din il-Qorti. Invece hi illimitat ruhha ghar-rifugju li, fil-fehma taghha, kienu jaghtuha l-provvedimenti tal-ligijiet u tar-regolamenti portwali. *Inter alia* l-Artikolu 70 tal-Port Regulations, l-Artikolu 6(3)(a)(v) tal-Port Ordinance 1962 u l-Artikolu 90 u Skeda Tlettax tal-Port Regulations 1966. Eccezzjonijiet dawn bosta drabi trattati u decizi minn dawn il-Qrati u li dwarhom tista' tghid tezisti gurisprudenza kostanti. B'mod generiku d-diversi sentenzi iddikjaraw illi s-socjeta` konvenuta ma tistax, bhala regola, tfittex il-kenn f'dawn id-disposizzjonijiet. Ara b'ezemplari d-decizjoni fl-ismijiet "**Formosa & Camilleri Ltd noe -vs- Sea Malta Company Limited et**", Appell, 12 ta' Gunju 2001;

Intqal dan fis-sentenza fl-ismijiet "**Dr. Simon Micallef Stafrace noe -vs- Neville Mifsud et noe et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' Ottubru 1995:-

"Fil-fehma taghna l-artikoli invokati mis-socjeta` konvenuta, ma jezemuhiex mir-responsabilita` taghha ghaliex il-fatt li l-merkanzija hija meqjusa bhala units ma jfisserx li s-socjeta` konvenuta tista' impunement tikkonsenja vetturi zarmati mill-accessorji taghhom meta jirrizulta li hi rceviethom bl-accessorji soliti taghhom. Tant hu hekk illi anke s-socjeta` konvenuta meta jsir it-*tallying* tnizzel in-nuqqasijiet li jirrizultaw fuq il-vetturi avolja huma konsidrati bhala units. Lanqas il-fatt li l-merkanzija tinhazen *in the open and always at the sole risk of the owner* ma jezimi lis-socjeta` konvenuta mill-att kriminali ta' l-impjegati taghha jew ta' terzi bhallikieku l-merkanzija flok fil-kustodja taghha kienet abbandunatha f'xi ghalqa."

Fl-istess sens ta' dan l-insenjament huma d-decizjonijiet fl-ismijiet "**Avv. Peter Borg Costanzi noe -vs- William Harding et noe et**", Appell, 25 ta' Gunju 1999 u "**Leslie Causon noe -vs- Godwin Abela noe**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000. Proprju f'din ta' l-ahhar gie rimarkat illi l-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta ta' ezoneru preventiv

*ex lege* taht dawn ir-regolamenti giet ridimensjonata u definita bhala mhux applikabbli ghal kazijiet taht ezami;

Anke allura konsiderata minn din l-ottika r-rizultanzi peritali ma jistghux jitqiesu censurabbli;

Jinghad x'jinghad mis-socjeta` konvenuta il-*Gate Pass Out* iffirmat mid-*delivery Clerk* taghha jistabilixxi kjarament il-fatt tan-nuqqasijiet. Li jfisser illi dawn sehhew waqt li l-vetturi kienu ikkustoditi mis-socjeta` konvenuta;

Ghal dawk li huma danni jinsab precizat mis-Subrogation Form (fol. 12) illi s-socjeta` assiguratrici attrici rrizarciet is-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm474.18). Hi din is-somma li s-socjeta` konvenuta qed tigi mitluba thallas. Kif rilevat f'numru ta' decizjonijiet "una volta s-socjeta` konvenuta kienet qed tikkontesta r-responsabilita` ghall-hlas ta' dan l-ammont, hu gust li, bl-applikazzjoni tal-principji generali tad-dritt, l-imghaxijiet jithallsu minn dakinhar ta' l-interpellazzjoni ufficcjali ghall-pagament li sar bin-notifika lid-debituri ta' l-att tac-citazzjoni." ("**Formosa & Camilleri Ltd noe et -vs- Sea Malta Company Limited**", Appell, 12 ta' Gunju 2000).

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi takkolji l-ewwel domanda attrici u tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghan-nuqqasijiet riskontrati fil-vetturi importati f'Malta fil-5 ta' Novembru 1992 permezz tal-vapur "Australia Highway";

Tilqa' konsegwentement it-tieni domanda u b'hekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici assiguratrici s-somma ta' erba' mija erbgha u sebghin lira Maltija u tmintax-il centezmu (Lm474.18) in linea ta' danni ghan-nuqqasijiet riskontrati. Dan flimkien ma' l-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (22 ta' Novembru 1993).

L-ispejjez tal-kawza ghandha tbatihom is-socjeta` konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------